# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 7 t'April 2022**

**Talba Nru: 267/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Jurgen Borg (ID 594891(M))**

**Vs**

**Bryden Azzopardi (ID 104090(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2020, permezz ta' liema, l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut u jħallas lill-attur l-ammont ta' elfejn, ħames mija, ħamsa u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,585.70) rappreżentanti ammont dovut għal xogħolijiet li saru u ma tħallsux kif aħjar deskritt fl-istess Avviż tat-Talba[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra lill-konvenut debitament notifikat[2], naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022[3];

Sema' x-xhieda tal-attur[4];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li waqá fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[5].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala l-provi miġjuba mill-attur, mhux kontradetti, m'għandhomx jitwemmnu u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti preżentati minnu[6].

---

2 Din seħħet bil-proċedura u affissjoni.
3 Verbal jinsab jinsab a fol 24.
4 Mogtħija fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022.
5 *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia</u>** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.
6 Għalkemm l-fattura trirreferi lil "B & B Works Services Ltd", ix-xhud (l-attur) ikkonferma lir-relazzjoni kienet biss mal-konvenut u kien dan tal-aħħar li talab li finalment jerġa jinħareġ kont fuq xi soċjetá oħra. Għal dan it-Tribunal ma hemm l-ebda problema rigwardanti interess ġuridiku u leġittimu kuntradittur. Fil-fatt kien il-konvenut stess, u l-ebda soċjetá oħra, li ħallas id-depożitu inizjali.

Illi t-Tribunal finalment jirrimarka li l-attur naqas milli jispeċifika jekk huwiex qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż konnessi ma din il-proċedura u l-imgħax fuq l-ammont mitlub[7]. Madanakollu dan m'huwiex xkiel għal dan it-Tribunal għas-segwenti raġunijiet. Għal dak li jikkonċerna t-talba għal-ispejjeż, din titqies bħala miktuba ai fini tal-artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[8]. Dwar l-imgħax, għalkemm dan m'huwiex mitlub fl-Avviż, t-Tribunal sejjer xorta jikkundanna dan il-ħlas u ma jistax jingħad li b'hekk ikun qiegħed jaġixxi *extra petita*[9]. It-talba hija sejħa għal-ħlas.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attur u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' elfejn, ħames mija, ħamsa u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,585.70) bl-imgħax legali mill-10 ta' Novembru 2020[10] iżda biss fuq l-ammont ta' elfejn, mija wieħed u disgħin Ewro u seba' u għoxrin ċenteżmu (€2,191.27)[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[7] Jingħad li l-attur ma kienx assistit waqt it-tħejjija tal-Avviż tat-Talba.
[8] Dan jgħid hekk: *Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.*
[9] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Costantino Ablea vs George Azzopardi (App Ċiv Nru: 380/1987/1)</u>** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.
[10] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.
[11] Dan qiegħed jiġi deċiża hekk għaliex kif jirriżulta minn Dok JB, a fol 33, l-ammont mitlub għandu minnu element ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema ammont ma jattirax imgħax peress li huwa ta'natura fiskali.